MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 6

22 ta' Ottubru 2019

Minuti tas-seduta Nru. 6 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 22 ta' Ottubru 2019 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti, minbarra l-Kunsillier G. Micallef li talab jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol skont imejl li huwa bgħat qabel is-seduta. Il-Kunsill laqa' ir-raġuni mogħtija.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.7.1. **(Ref: T/3/2/Vol XV)** tas-seduta ta' qabel u talab jiżdied paragrafu ġdid li jinqara hekk:

*"2.7.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal illi fil-laqgħa li kien hemm ma' Infrastructure Malta huwa kien ippropona li Triq il-Manikata, bejn Triq il-Biedja u Trejqet il-Ħarrub tibqa' two-way għall-vetturi kbar biss, sabiex jiġi evitat li dawn ikunu kostretti li jgħaddu minn Trejqet il-Ħarrub għal Triq il-Mejjiesa.*

*2.7.5. Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa jaqbel mas-sistema tal-one-ways kif proposta minn min għamel it-talba, kif ukoll li Triq il-Manikata tibqa' two-ways għall-vetturi l-kbar.*

*2.7.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.".*

1.3. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna wkoll għall-minuta 5.9.1. (**Ref: T/4/12**) tas-seduta preċedenti u talab li jiżdid paragrafu 5.9.3., li jinqara hekk:

*"5.9.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li l-culvert eżistenti għandu jiġi mtawwal sabiex il-bokka tiegħu tiġi 'l isfel mid-drive-in tal-fond in kwistjoni.*

*5.9.5. Kien hemm qbil li għandu jiġi kkuntattjat il-perit tal-Kunsill qabel tingħata tweġiba permezz tal-avukat.".*

1.4. Il-minuti tas-seduta Nru. 5 tal-1 ta' Ottubru 2019 ġew approvati bl-emendi t'hawn fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. PA 2943/19 – Twaqqiegħ u bini mill-ġdid tal-Lukanda Ramla Bay (P/5/8/R)

2.1.2. Is-Segretarju aċċenna għall-minuta 5.2.1. fil-minuti tas-seduta ta' qabel u qal li abbażi tar-risponse li kien hemm mill-Kunsillier I. Castillo u l-osservazzjonijiet li saru minn naħa tas-Segretarjat mill-*project descritpion statement*, saret rappreżentazzjoni mal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi fuq il-punti li jidhru hawn taħt:

(a) Il-medda ta' art affettwata bl-iżvilupp ser tiżdied biss b'1.487%, filwaqt li l-*floor area* ser jikber bi 30.105% meta mqabbel mal-medda eżistenti. Dan jintlaħaq permezz ta' blokka għolja tmien sulari 'l fuq mil-livell tat-triq. Fid-dawl ta' dan, l-EIA għandha tqis bis-serjetà l-impatt viżiv li jirriżulta;

(b) L-impatt tat-traffiku li jirriżulta biż-żieda ta' 31% fil-kmamar (120) żgur jaffettwa l-preżenza ta' vetturi u d-domanda għall-parkeġġ. L-EIA għandha tidħol f'miżuri mmirati sabiex inaqqsu l-effetti li ser iġib aktar traffiku fiż-żona;

(c) Issir evalwazzjoni ekoloġika u tal-patrimonju storiku, fid-dawl tal-beni eżistenti li saret referenza għalihom fil-PDS;

(d) Il-PDS jirreferi għall-iskavar ta' art diġa disturbata li tinsab eżatt barra d-daħla tal-lukanda eżistenti, iżda ma jgħidx jekk din hijiex art pubblika jew privata. L-EIA għandu jagħmilha ċara jekk huwiex ser ikun possibbli li l-pubbliku in ġenerali jagħmel użu mill-parkeġġ, anke jekk ma' jkunx klijent tal-lukanda;

(e) L-EIA għandu jittratta kwistjonijiet marbuta mat-tibdil fil-klima, u għaldaqstant għandu jieħu in konsiderazzjoni:

   (i.) Studji ikkummissjonati mill-Bord Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima rigward il-livell tal-baħar, kif dan ser jiżdied sa l-aħħar ta 'dan is-seklu; u

   (ii.) Miżuri li jittrattaw l-effetti tal-bidla fil-klima;

(f) Miżuri dwar it-tnaqqis ta' emissjonijiet tal-karbonju permezz tal-użu ta' enerġija rinnovabbli bħalma huwa r-riħ u l-enerġija mix-xemx; u

(g) Purifikazzjoni tal-ilma baħar fuq il-post għal skopijiet ta 'sanitarji.

2.1.3. Il-Kunsill innota u approva l-punti li saret referenza għalihom.

### 2.2.1. Kampanja dwar is-separazzjoni tal-iskart (K/6/11)

2.2.2. Saret referenza għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għal imejl datat 21 ta' Ottubru 2019, fejn Wasteserv (Malta) Ltd infurmat li għandha l-intenzjoni li fil-Manikata wkoll, ikun hemm vettura f' post ċentrali biex jinġabar polystyrene (jablo), plastik, ħġieġ, karta, kartun, metal, żejt tat-tisjir, bozoz, u tessuti, fost oħrajn. Dan ser jibda nhar it-Tlieta 29 ta' Ottubru 2019. Qed jiġi propost li l-vettura tiġi pparkjata f'Misraħ il-Parroċċa.

2.2.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

2.2.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar għarrfet li hija ġiet ikkuntattjata minn uffiċjal tal-Wasteserv, illi għarrfitha li l-post magħżul fil-każ tal-Mellieħa, fi Triq Qasam Barrani, mhux iħalli r-riżultati mixtieqa mil-lat ta' konkorrenza mill-pubbliku, u għaldaqstant jixtiequ li jmorru f'Misraħ il-Parroċċa.

2.2.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jingħata żmien biżżejjed sabiex ir-residenti jidraw il-post fi Triq Qasam Barrani.

## 2.3.1. Milied Mellieħi 2019 u attivitajiet kulturali għall-2020
**(A/5/3/7)(A/5/5/Vol IV)( A/5/3/5/Vol V)**

2.3.2. Is-Sindku għarraf li saret laqgħa mar-rappreżentanti tal-għaqdiet li ġew imħajra jarmaw *stand* taħt it-tinda waqt Milied Mellieħi 2019. Is-Sur D. Vella qal li dan ma għandux jeskludi persuni, jew negożji li jarmaw *stand* ukoll, bid-differenza li tal-aħħar iħallsu permess skont L.S. 441.04.

2.3.3. Is-Sur D. Vella kompla jgħarraf li ġew iffissati dati oħra li jinvolvu l-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ fl-24 ta' Ġunju 2020; Jum il-Kunsill fit-23 ta' Lulju 2020, l-Iljieli Melleħin bejn it-24 u s-26 ta' Lulju 2020; u Milied Mellieħi bejn it-18 u l-20 ta' Diċembru 2020.

2.3.4. Il-Kunsill approva l-proposti diskussi mal-għaqdiet.

## 2.4.1. Tindif volontarju **(T/6/1Vol IV) (A/5/3/Vol XIII)**

2.4.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 2.8.3. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li l-*clean-up* li kellha ssir fl-inħawi tal-Fortizza ta' Campbell f'Selmun fid-19 ta' Ottubru 2019 fid-9.30am, fil-fatt saret f'Wied Musa qrib in-Noah's Ark Animal Sanctuary. Dan billi l-attività kienet taħbat mal-ħin li hija permessa l-kaċċa.

2.4.3. L-istess Kunsilliera rreferiet għall-minuta 5.11.1. tas-seduta preċedenti u pproponiet li l-*clean-up* li jmiss tintrabat mal-Jum Dinji tat-Tfal billi dakinhar isir t-tħawwil ta' siġar li ppjanat li jsir fl-Armier fis-16 ta' Novembru 2019 bejn is-2.00pm u l-4.00pm. Kien propost li jiġi pprovdut trasport u jsiru *T-shirts* bl-istemma tal-Kunsill, possibilment bis-sehem ta' *sponsor*.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-proposti mressqa.

## 2.5.1. Tindif qrib *Noah's Ark Animal Sanctuary* **(D/3/1/Vol V)**

2.5.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għall-minuta 5.8.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li saret spezzjoni fuq il-post mis-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, flimkien mal-*foreman* tad-Department tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura sabiex jitneħħa t-terrapien li kien hemm bl-użu ta' gaffa u trakkijiet. Hija qalet ukoll li diriġent tas-santwarju kien nfurmat b'din l-ispezzjoni u l-intenzjonijiet tal-Kunsill dwarha. Kompliet tgħid li saret taf mill-istess diriġent li l-Kunsillier I. Castillo kien ser jieħu ħsieb li jsir dan ix-xogħol billi jipprovdi *skips* minn naħa tiegħu.

2.5.3. Il-Kunsillier I. Castillo qal li l-istess diriġent avviċinah dwar il-ħtieġa ta' żewġ skips, peress li kien hemm xi skart li jridu jneħħu, u minn naħa tiegħu offra li jipprovdi *skips* a spejjeż tiegħu. Is-Sur Castillo kompla jgħid li l-Kunsill kien ġie mitlub ineħħi terrapien, filwaqt li l-i*skips* kienu ntenzjonati għal skart differenti.

## 2.6.1. B*ins* għall-filters tas-sigaretti **(L/5/Vol II)**

2.6.2. Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 2.9.1. tas-seduta ta' qabel u qalet li minn stħarriġ li għamlet irriżultalha li jeżistu l-*bins* imsemmija bi prezz ta' €140 'il wieħed.

2.6.3. Kien hemm qbil li dawn għandhom jitwaħħlu fuq il-*bus stops* fit-toroq ewlenin, li huma l-iktar iffrekwentati mill-pubbliku, kif ukoll f'Misraħ il-Parroċċa u fil-pjazzetta ta' Triq Ġorġ Borg Olivier, kantuniera ma' Triq Sant' Anna.

## 2.7.1. Ħarġiet kulturali **(A/5/5/Vol VII)**

2.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.4.5. tas-seduta preċedenti u għarrfet illi għall-ħarġa ta' Ħaġar Qim li seħħet fis-17 ta' Ottubru attendew sebgħin persuna. Hija

pproponiet li l-ħarġa li jmiss issir lejn Wied Inċita fil-21 ta' Novembru 2019. Il-ħlas li jintalab għandu jkun ta' €5.

2.7.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 2.8.1. Żjara minn ġurnalisti fil-qasam l-ivjaġġar (T/12/2/Vol II)

2.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċenna għall-minuta 5.24.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li grupp ta' ġurnalisti barranin fil-qasam tal-ivjaġġar saru l-Mellieħa fit-3 ta' Ottubru 2019 b tas-sħubija fl-EDEN Network. Dawn ittieħdu jaraw postijiet ta' interess fil-lokalità, fosthom it-Torri l-Abjad li qed jinbidel bħala ċentru ta' interpretazzjoni.

2.8.3. Is-Sindku D. Vella għarraf ukoll li fis-17 ta' Ottubru 2019, flimkien mal-Kunsillier K. Buttigieg, akkumpanjaw grupp ieħor li ttieħed fil-Knisja Parrokkjali u ġie mdawwar mal-post mill-Arċipriet J. Caruana u l-Sagristan C. Bartolo.

2.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.9.1. Programm LEADER - Miżura 2 - *Strengthening a Healthy Cultural Identity* (P/10/34)

2.9.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-minuta 5.26.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fil-21 ta' Ottubru 2019 saret laqgħa għall-għaqdiet tal-Mellieħa li fosthom kien hemm diriġenti minn għaqdiet sportivi. Huwa ġew indirizzati minn uffiċjali mill-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral u mill-MEUSAC, fejn ġie spjegat li permezz tal-Miżura 2 - *Strengthening a Healthy Cultural Identity*. Fiha ġie spjegat li jeżistu fondi disponibbli sabiex sidien ta' faċilitajiet sportivi jistgħu jibbenefikaw minn titjib infrastrutturali, kif ukoll minn akkwist ta' tagħmir sportiv. Is-Sur K. Buttigieg issuġġerixxa li ssir laqgħa oħra mal-istess għaqdiet sportivi sabiex jiġi konkretizzati l-pjantijiet tagħhom f'dan ir-rigward. Huwa qal ukoll li l-istess miżura tappella wkoll għal titjib fl-infrastruttura ta' entitajiet pubbliċi u volontarji.

2.9.3. Fil-każ tal-Kunsill, is-Sur K. Buttigieg il-miżura tapplika speċifikament sabiex issir tinda fuq il-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja. Madankollu din tirrikjedi ċertu ammont ta' preparazzjoni, studju dwar l-istruttura tad-dressing rooms tippermettix l-kostruzzjoni tat-tinda, u anke permess mill-Awtorità tal-Ippjanar.

2.9.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdu u qabel li għandhom jitkomplew il-kuntratti meħtieġa.

### 2.10.1. Periklu fi Triq il-Mejjiesa k/m Trejqet il-Ħarrub (T/3/2/Vol XV)

2.10.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna li fil-post imsemmi faċilment jistgħu jsiru kolliżjonijiet, minħabba li sewwieqa fi Trejqet il-Ħarrub ikollhom tendenza li jibqgħu telgħin fi Triq il-Mejjiesa mingħajr ma jieqfu. Huwa għalhekk ippropona li jsiru marki tal-karreġġjata STOP jew GIVE WAY fi Triq il-Mejjiesa.

2.10.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir proposta f'dan is-sens lil Transport Malta.

### 2.11.1. Servizz ta' tiswija tal-qtates *(cat neutering)* (A/9)

2.11.2. Il-Kunsillier M. Abela rrefera għall-minuta 5.17.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li saret laqgħa mas-Sinjorina Tiziana Cutajar li għaliha attendew ukoll il-kordinaturi ta' din l-inizjattiva s-Sinjuri Frank u Jan Gauci, fejn ġiet spjegata l-proċedura li ġiet stabbilita biex tirregola din l-inizjattiva. Inħarġet ukoll karta ta' identifikazzjoni lis-Sinjorina Cutajar.

2.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.1. Ma saru ebda mistoqsijiet.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 18/10/19;
- Skeda ta' Pagamenti – 29/09/19 – 18/10/19;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Ikkampjar waqt l-istaġun tal-kaċċa (C/4/Vol IV)

5.1.2. Saret referenza għall-imejl datat 16 ta' Ottubru 2019 fejn sar suġġeriment li waħda mit-tliet żoni għall-ikkampjar, ġewwa l-Aħrax, jibqgħu jinħarġu permess għaliha anke waqt l-istaġun tal-kaċċa, peress li ż-żona ta' Qortin it-Twil mhijiex daqshekk attrajenti billi ma fihiex siġar.

5.1.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jinżammu l-arranġamenti illi hemm fis-seħħ.

### 5.2.1. Manutenzjoni tal-armar tal-festa (S/6/Vol VI)

5.2.2. Saret referenza għal imejl datat l-1 ta' Ottubru 2019, mibgħuta mill-Għaqda tal-Armar, fejn appellaw lill-Kunsill jinvolvi ruħu fil-manutenzjoni tal-armar tal-Festa tal-Vitorja.

5.2.3. Il-Kunsill laqa' l-appell li sar u talab li jsiru kuntatti sabiex jiġi stabbilit il-mod kif jista' ikun hemm koperazzjoni fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363). Kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux jikkommetti aktar minn €500 għal din it-talba.

### 5.3.1. PA 7102/19 – Żvilupp fi Triq il-Kbira k/m Triq Snajjin (P/5/8/K)

5.3.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija li tinvolvi l-bini ta' faċilitajiet ta' akkomodazzjoni (Klassi 3A) u ristorant (Klassi 4D). Is-Segretarju aċċenna għall-fatt li l-Kunsill kollu kien infurmat biha u ntalab jikkummenta dwarha peress li l-iskadenza għar-rappreżentazzjonijiet skadiet fit-18 ta' Ottubru 2019. Kien hemm rispons mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini għall-abbozz li ġie ppreparat mis-Segretarju Eżekuttiv.

5.3.3. Is-Segretarju fakkar li tressqet oġġezzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar billi minkejja li l-proposta tinvolvi 20 kamra, li jistgħu jakkomodaw 33 persuni, flimkien ma' ristorant, ma hemm ebda faċilitajiet għall-ipparkjar, f'żona fejn id-domanda għalihom hija għolja.

5.3.4. Il-Kunsill approva l-oġġezzjoni.

### 5.4.1. Proġett EAFRD: 4.416 – Rijabilitazzjoni tax-Xagħra tat-Tunnara (P/10/33)

5.4.2. Is-Segretarju rrefera għal ittra datata 18 ta' Ottubru 2019, fejn id-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi għarrfet li approvat l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi mplimentat il-proġett imsemmi. Dan huwa stmat li jiswa €63,696.34 (inkluża l-VAT) li €50,957.07 ser jiġu ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, filwaqt €12,739.27 irid jitħallsu minn fondi tal-Kunsill.

5.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.5.1. Taraġ fi Triq il-Muna (P/5/8/M)

5.5.2. Saret referenza għal ittra datata l-1 ta' Ottubru 2019, fejn il-perit inkarigat mir-rinovar ta' dar li tinsab fi Triq il-Muna, kantuniera ma' Triq Napuljun Caruana Dingli talab li t-taraġ li hemm biswit il-proprjetà in kwistjoni jitneħħa sabiex ikun jista' jinfetaħ bieb ta' garaxx. Skont l-iskema kif approvata minn PC/0004/04, jidher li t-taraġ mhuwiex parti mill-iskema, u fil-fatt kien sar taraġ ieħor fuq in-naħa l-oħra tat-triq meta ġie żviluppat Ġnien il-Kenn Soċjali.

5.5.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm jitkompla l-puġġaman tal-ħadid eżistenti sal-ħajt tal-applikant.

### 5.6.1. Użu tas-sala tal-Kunsill (K/1/3/Vol II)

5.6.2. Saret referenza għal imejl datat 16 ta' Ottubru 2019 mill-Fakolta tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta' Settembru 2019, sabiex jużaw is-sala tal-Kunsill għal studenti Għawdxin li jixtiequ jattendu korsijiet ta' filgħaxija li jsibuha diffiċli li jivvjaġġaw sal-campus tal-Università fl-Imsida. Dawn anke ġew raw il-post.

5.6.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm il-ħinijiet ma jkunux jaħbtux ma' attivitajiet oħra li jsiru fl-istess post u jkun hemm irkupru tal-ispejjeż li jsiru.

### 5.7.1. Villaġġ tal-Milied fil-Marfa (A/6/3/2/Vol 86)

5.7.2. Is-Sindku rrefera għal imejl datat 21 ta' Ottubru 2019, mibgħut mill-Labranda Riviera Resort & Spa li għandhom l-intenzjoni jorganizzaw villaġġ tal-Milied fit-triq ta' quddiem il-lukanda,

5.7.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-ħruġ tal-permess sakemm jitħalla aċċess għall-iskall li hemm fir-Ramla tal-Bir.

### 5.8.1. Użu tal-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja (D/3/1/Vol V)

5.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li hija ġiet avviċinata minn ġenitur ta' persuna li għandha l-kundizzjoni tal-awtiżmu u tixtieq tuża il-faċilità msemmija mhux waqt il-ħinijiet normali tal-kustodju li jieħu ħsieb il-park.

5.8.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg ikkummenta li wieħed għandu jara x'inhuma l-ħinijiet meta l-*court* ma jkunx qed jintuża mill-għaqdiet sportivi biex tiġi akkomodata din il-persuna.

5.8.4. Wara aktar diskussjoni l-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 5.8.3. sabiex ma jinħolqux preċedenti li jirriżultaw f'piż finanzjarju kemm-il darba jiġu ripetuti.

### 5.9.1. Laqgħa mal-LESA (W/3/Vol XI)

5.9.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar għarrfet li fit-8 ta' Ottubru 2019 saret laqgħa mas-Sinjuri C. Tonna u S. Mallia mil-LESA, li għaliha attendew ukoll il-Kunsillieri E. Bartolo u R. Bartolo Cutajar, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Huwa qal li fil-laqgħa ġew trattati s-suġġetti segwenti:

(a) Superiviżjoni tat-traffiku fejn l-iskola fi Triq Qasam Barrani;

(b) Infurzar tal-*one-way* fi Triq il-Miżieb fil-Ħdud u btajjel pubbliċi; u

(c) Infurzar tar-regolamenti dwar l-iskart.

5.9.3. Dwar il-(b), is-Sinjura Bartolo Cutajar qalet li s-servizz beda wara li ġew indikati l-postijiet li l-aktar jiġu abbużati.

5.9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.10.1. *Bring-in sites* (K/6/11)

5.10.2. Is-Sindku aċċenna għal laqgħa li saret mal-Ing. M. Schembri u s-Sinj. D. Brincat minn GreenPak Co-Op Ltd dwar l-immaniġġjar tal-*bring-in sites*. Is-Sur D. Vella qal li nġibdet l-attenzjoni li l-frekwenza tat-tbattil mhux qed tkun suffiċjenti, partikularment fil-każ tal-*bring-site* ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi. Is-Sur Schembri jikkontendi li l-problema tinqala meta jinġieb kwantità kbira ta' skart, li normalment ikun ħġieġ, eżattament wara li jitbattlu l-*bins*. Tqanqlu wkoll l-ilmenti li qed isiru dwar it-tneħħija ta' i-Bins mir-Ramla tat-Torri l-Abjad u l-Armier iż-Żgħir. Minn naħa tal-Kunsill intalab li GreenPak għandha tosserva l-iskeda dwar ħtiġijiet staġjonali, mgħoddija lilha permezz ta' imejl datat 27 ta' Marzu 2019.

5.10.3. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna għall-fatt li l-Manikata baqgħet bla servizz ta' *bring-in site*. Huwa ppropona li ssir waħda fit-triq il-ġdida biswit Misraħ il-Parroċċa.

5.10.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li saru żewġ attentati biex dan is-servizz jingħata fil-Manikata, iżda dan kellu jiġi rtirat minħabba li ġie abbużat persistentement b'rimi ta' kwantitajiet ta' skart organiku u affarijiet oħra, inkluż annimali mejta. L-ewwel darba kienu tpoġġew *domes* f'Misraħ il-Parroċċa u sussegwentement ġew trasferiti qrib id-daħla tal-Park Majjistral fi Triq il-Manikata.

5.10.5. Is-Sur I. Castillo, ippropona li jsir attentat ieħor bis-sorveljanza permezz ta' CCTV.

## 5.11.1. Proġett – *KNOTS - Knowledge, Not Scepticism* (P/10/1/Vol IV)

5.11.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-parteċipazzjoni tiegħu u tal-Kunsillier I. Castillo fil-konferenza msemmija li żvolġiet f'Deryneia, Ċipru bejn il-11 u l-14 ta' Ottubru 2019. Għaliha attendew madwar 55 delegat minn fost l-imsieħba fil-proġett. Minn naħa tad-delegazzjoni Melleħija saret preżentazzjoni grafika bit-tema "*Origins of European Perceptions*".

5.11.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li l-konferenza tal-għeluq ser issir f'Rapashuta fl-Ungerija bejn it-8 u t-12 ta' Novembru 2019. Il-Kunsill iddeċieda li d-delegazzjoni mill-Mellieħa għandha tkun komposta mill-Kunsillieri K. Buttigieg u G. Micallef.

5.11.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.12.1. Festival Medjevali f'Agia (K/1/5/4)

5.12.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għaż-żjara li saret f'Agia Napa għall-Festival Medjevali li żvolġa bejn it-12 u d-19 ta' Ottubru 2019. Huwa qal li din l-istedina saret biex tfakkar l-għaxar anniversarju mill-iffirmar tal-ġemellaġġ Mellieħa/Agia Napa. Ippropona li għall-edizzjoni li jmiss ta' dan il-festival għandu jsir sforz bil-għan li jkun hemm rappreżentanza Melleħija.

5.12.3. Il-Kunsillier I. Castillo kkummenta li għalkemm Agia Napa m'għandhiex sfond storiku li jmur lura ħafna snin, il-Kunsill Lokali huma krejattivi biżżejjed li ħolqu dan avveniment u oħrajn matul is-sena sabiex jattiraw it-turiżmu.

## 5.13.1. Pjan għaż-żona ta' konservazzjoni urbana (P/5/4/Vol II)

5.13.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ippropona li jitfassal pjan sabiex jiġi regolat ċertu żvilupp fil-qalba urbana tal-Mellieħa, bil-għajnuna ta' esperti f'dan il-qasam mill-Awtorità tal-Ippjanar flimkien mal-perit tal-Kunsill. Minkejja li Triq Ġorġ Borg Olivier m'għadhiex tifforma parti miż-żona ta' konservazzjoni urbana, din għandha tkun tifforma parti mill-istess pjan, peress li tinvolvi ċertu żvilupp bħalma huwa t-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet.

5.13.3. Il-Kunsill approva l-proposta u għaldaqstant talab li jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar għal dan il-għan.

## 5.14.1. Nuqqas ta' dawl fi Sqaq Nru. 1 fi Triq il-Muna (E/1/3Vol IV)

5.14.2. Il-Kunsillier I. Castillo qal li ġie avviċinat dwar il-ħtieġa li jsiru dwal fi Sqaq Nru. 1 fi Triq il-Muna. Huwa kompla jgħid li jistgħu jsiru dwal fil-baxx li ma jintlaqgħtux u possibilment ma jmissux ma' proprjetà privata. Huwa aċċenna wkoll li saru lmenti illi t-taraġ li jaqbad mal-istess sqaq jiżloq bil-ħażiż li trabba fih.

5.14.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li l-problema b'dan il-post huma l-ħitan huma baxxi u għalhekk wieħed jista' biss jikkunsidra li jsir arblu *whip type*. Minn naħa l-oħra dan jista' jqanqal l-ilmenti mir-residenti tal-madwar minħabba l-inkonvenjent li jista' jiġi kkawżat b'dawl qawwi.

5.14.4. Is-Sur Castillo rrakkomanda li jsiru lampi mwaħħla direttament ma' arbli dritti tat-tip li saru fi Triq ix-Xagħra ta' Barra.

5.14.5. Is-Segretarju qal li l-lampi ndikati fil-minuta 5.14.4. jistgħu jkunu mgħammra bi ħġieġa ċatta sabiex id-dawl ikun ikkonċentrat fuq it-triq, simili għal dawk li twaħħlu matul il-promenade tal-Għadira u f'ċerti toroq ġewwa Santa Marija Estate.

5.14.6. Il-Kunsill qabel li dawn il-proposti għandhom jiġu kkunsidrati mal-kuntrattur konċernat. Kien hemm qbil ukoll li għandu jiġi nvestigat kif jista' jitneħħa l-ħażiż mit-taraġ ta' Triq Sant' Elena.

### 5.15.1. Tqassim ta' *junk mail* (P/3/2/Vol V)

5.15.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li għandu jsir sforz minn naħa tal-Kunsill sabiex jitnaqqas l-ammont ta' *junk mail* li qed jitħalla bieb-bieb, meta ħafna drabi ma jkunx mixtieq mill-istess residenti. Għaldaqstant hija pproponiet li jsiru *stickers* illi jitwaħħlu mal-kaxxi tal-ittri.

5.15.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li tali *stickers* għandhom isiru u jitqassmu mal-magazin tal-Kunsill.

### 5.16.1. Siti mhux żviluppati (P/5/3)

5.16.2. Il-Kunsillier R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni għal xi qtajja' mhux mibnija li qed jikkawżaw inkonvenjent u periklu għas-saħħa tar-residenti bl-ammont ta' skart li jintrema fihom u l-ġrieden li jġibu. Bħala eżempju hija semmiet waħda li tinsab fi Triq tas-Salib kantuniera ma' Triq iż-Żnuber.

5.16.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar skont il-proċedura stabbilita.

### 5.17.1. Nuqqas ta' dawl fi Triq il-Madonna tal-Għar (E/1/3Vol IV)

5.14.7. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna li jeżisti nuqqas ta' dawl fit-taraġ ta' Triq il-Madonna tal-Għar, bejn Triq il-Kappillan Magri u Misraħ il-Parroċċa. Huwa qal li dan il-fattur qed jagħti lok għall-abbuż.

5.14.8. Il-Viċi-Sindku J. Buttigieg tenna li l-problema ta' dan il-post hija li meta ġew installati d-dwal ornamentali l-ġodda, wieħed mir-residenti rrifjuta li jeħel fanal mal-proprjetà tiegħu, filwaqt li in-naħa l-oħra, fejn id-Dar Parrokkjali m'hemmx linja tad-dwal tat-toroq. Huwa għaldaqstant irrakkomanda li din il-proposta tinżamm pendenti sakemm isir tisbiħ tat-taraġ in kwistjoni.

5.14.9. Il-Kunsillier I. Castillo qal li kemm-il darba, it-tisbiħ tat-taraġ ser jieħu fit-tul, jew ma tinstabx soluzzjoni biex jitwaħħal fanal ornamentali, għandu jsir riflettur sabiex jixgħel il-post.

5.14.10. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 5.14.8., anke biex issir konsultazzjoni mal-kuntrattur konċernat sabiex jiġu stabbiliti l-alternattivi possibbli.

### 5.18.1. Protokol dwar ir-ritratti f'okkażjonijiet speċjali (K/1/8/Vol II)

5.18.2. Il-Kunsillier I. Castillo talab li jiġi osservat il-protokol fl-iskerament tal-membri eletti meta jittieħdu ritratti waqt l-attivitajiet tal-Kunsill.

5.18.3. Is-Sindku D. Vella qal li wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn attivitajiet formali bħal Jum il-Kunsill, ċerimonja tal-ġuramenti, eċċ u okkażjonijiet li huma konnessi mal-operat tal-Kunsill.

5.18.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-Protokol għall-Presidenti Reġjonali, Sindki u Kunsillieri Lokali u President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, mehmuż mat-Tnax-il Skema tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap.363), ma jgħid xejn dwar dan. Il-protokol li ġie emendat b'riżultat tar-riforma li ntrodotta tard fl-2018, jitratta biss dwar attivitajiet formali fejn il-personalitajiet imsemmija jkunu bilqiegħda. Fid-dawl ta' dan mhemm xejn ħażin jekk il-Kunsill jaddotta *policy* dwar dan is-suġġett.

### 5.19.1. Ipparkjar fi Triq Sammy Bartolo (T/3/2/Vol XV)

5.19.2. Il-Kunsillier I. Castillo għarraf li huwa ġie avviċinat minn xi residenti li qed jitolbu illi l-ispażji tal-parkeġġ fl-istess triq ikunu riżervati għalihom, peress li qed ikun impossibbli għalihom li jsibu post għall-vetturi tagħhom.

5.19.3. Il-Kunsill osserva li kien hemm sentenza tal-Qorti dwar il-parkeġġ għar-residenti, fejn il-kelma "residenti" ġiet definita bħala l-persuni kollha li joqgħodu f'dik il-lokalità, u mhux ta' xi triq partikulari fl-istess lokalità. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill dehrlu li tali talbiet ma jistgħu jiġu milqugħa.

### 5.20.1. Premju Żagħżugħ tas-Sena 2019 (N/1/Vol II)

5.20.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li l-Moviment Kerygma, stieden lill-Kunsill iressaq in-nominazzjonijiet tiegħu għall-premju msemmi hawn fuq.

5.20.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tiġi kkuntattjata s-Sinjorina Hannah Cuthbert li hija żgħażugħa nvoluta f'xogħol missjonarju ġewwa l-Kambodja.

### 5.21.1. Logħob bl-isem "*Young Warriors*" (S/4/2/Vol lII)

5.21.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-Kunsill ġie mistieden jieħu sehem fil-logħob imsemmi li ser isir fis-17 ta' Novembru 2019 f'Ta' Qali, għal tfal fl-etajiet bejn 13 u 15-il sena. It-timijiet jridu jkunu minimu ta' għaxar plejers-il wieħed, bil-ħlas individwali ta' €25. Ma' kull għaxar plejers jingħataw tnejn oħra mingħajr ħlas u hekk it-tim jitla' għal tnax.

5.21.3. Il-Kunsill approva l-ħlas tal-parteċipazzjoni għal għaxar plejers.

5.21.4. Il-Kunsillier I. Castillo ssuġġerixxa li l-għażla tal-plejers issir minn fost l-għaqdiet sportivi tal-Mellieħa.

### 5.22.1. Preżentazzjoni ta' premjijiet mill-Mellieħa Baseball Team (I/1/Vol X)

5.22.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna li fis-26 ta' Ottubru 2019 il-Mellieħa Baseball and Softball Club ser ikunu qed itellgħu l-attività msemmija. Għaliha stiednu rappreżentant mill-Kunsill. Fl-istess attività, l-Baseball Association ta' Malta ser tirrikonoxxi l-ħidma u l-inpenn tas-Sur Raymond Bartolo fil-qasam tal-baseball. Is-Sur K. Buttigieg staqsa dwar jekk ikunx f'loku li l-Kunsill jagħti memento f'din l-okkażjoni.

5.22.3. Il-Kunsill qabel li għandu jkun rappreżentat f'din l-attività mill-Kunsillier K. Buttigieg, filwaqt li osserva li s-Sur R. Bartolo kien ingħata l-onoreficenza Rikonoxximent il-Mellieħa fl-2014.

### 5.23.1. *Euromed International Sailing Championships* (S/6/Vol IV)

5.23.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-korrispondenza data 21 ta' Ottubru 2019, mibgħuta mill-President tal-Malta Sailing Federation, li għarraf li l-avveniment imsemmi ser jiżvolġi bejn s-19 u t-22 ta' Diċembru 2019 fil-Bajja tal-Mellieħa, bis-sehem ta' madwar 400 kompetitur minn sittax-il pajjiż differenti. Sar appell sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment.

5.23.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-involviment tiegħu f'din il-kompetizzjoni m'għandux jaqbeż €400, kif ukoll ma' sabx oġġezzjoni li tintuża r-ramla u l-parkeġġ li hemm bejn il-Costa del Sol Lido u l-Mellieħa Bay Hotel għal dan l-avveniment.

### 5.24.1. Malta Olympic Committee Sports Awards (N/1/Vol II)

5.24.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li l-Kunsill intalab jissottometti n-nomina għall-inpenn tiegħu fil-qasam sportiv fil-livell lokali. Huwa ppropona li din għandha tiġi sottomessa billi jiġu mtennija l-inizjattivi li qed jittieħdu, flimkien ma' oħrajn riċenti li kellu sehem fihom il-Kunsill.

5.24.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 5.25.1. Manutenzjoni meħtieġa fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol V)

5.25.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li għaddejjin kuntatti mal-Ministeru tal-Edukazzjoni Impjiegi u s-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Isports sabiex tinkiseb għajnuna sabiex issir il-manutenzjoni fil-Park tal-Familja minħaba l-fatturi ndikati fis-Seduta Nru. 2 tas-16 ta' Lulju 2019.

5.25.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.26.1. Spusstjar ta' *pedestrian crossing* fi Triq il-Marfa (T/3/2/Vol XV)

5.26.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li l-*pedestrian crossing* li hemm fi Triq il-Marfa, qrib it-triq li tagħti għall-Moll tat-Tunnara tiġi spusstjata iktar lejn ir-*roundabout* sabiex tkun iktar viżibbli għas-sewwieqa ġejjin mid-direzzjoni tas-Sellum. Huwa qal ukoll li l-*belisha beacon* fuq in-naħa tal-baħar qatt ma sar.

5.26.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-Transport Malta sabiex din tiġi spusstjata kif propost, kif ukoll issir *buildout* fuq kull naħa bil-*belisha beacon*.

### 5.27.1. Korsijiet edukattivi (E/3/2/Vol II)(M/8/Vol VI).

5.27.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-kors *Għaqal fid-Dar Ħajja Aħjar* se jiġi mtenni u s-sessjonijiet marbuta miegħu ser isiru fis-Sala tal-Kunsill fit-8, 15, 22, u 29 ta' Novembru 2019, bejn l-4.30pm u s-6.30pm.

5.27.3. Is-Sinjura A. Brincat Stellini aċċennat ukoll li fis-16 ta' Novembru 2019 ser jibda kors ieħor fis-Sala tal-Kunsill dwar ir-risuxxitazzjoni kardiopulmonari (CPR). Dan qed jingħata pubbliċità sabiex ikun hemm il-konkorrenza adekwata.

5.27.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.28.1. Attivitajiet għall-anzjani (A/1/1/Vol II).

5.28.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li s-Segretarjat Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva nieda l-Kompetizzjoni *"Tan-Nanna Ħelu Manna",* li tinvolvi preparazzjoni ta' ħelu minn persuni anzjani flimkien mat-tfal jew żgħażagħ. Hija għarrfet lill-Kunsill illi diġa għamlet kuntratti mad-diriġenti ta' Dar il-Madonna tal-Mellieħa u l-Iskola Primarja tal-Mellieħa bil-għan li jkun hemm konkorrenza għal din l-inizjattiva.

5.28.3. Is-Sinjura A. Brincat Stellini għarrfet ukoll li Jum in-Nanniet ġie mfakkar fl-Iskola Primarja fil-21 ta' Ottubru 2019 u għaliħ attendew is-Sur Philip Chircop – President ta' Nanniet Malta u l-Kap tal-Iskola.

5.28.4. Il-Kunsill innota u approva l-inizjattiva.

### 5.29.1. Sistema ta' *one-way* fi Triq Salvu Camilleri (T/3/2/Vo XV)

5.29.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li jeżisti periklu għal min ikun fi Triq Salvu Camilleri biex idur għal Triq San Mikiel. Hija għaldaqstant ipproponiet li Triq Salvu Camilleri ssir *one-way* bi ħruġ minn Triq San Mikiel.

5.29.3. Il-Kunsillier I. Castillo qal li l-parti bejn Triq iż-Żnuber of Triq ir-Rattan għandha tibqa' *two-way,* għaliex jiżdied iktar traffiku fi Triq ir-Rattan.

5.29.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li l-proposta tal-*one-way* tista' toħloq problemi kemm-il darba Triq tas-Salib tkun magħluqa minħabba xogħlijiet li jkunu għaddejjin.

5.29.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li proposta trid tiġi kkunsidrata flimkien mat-toroq tal-madwar, kif ukoll fl-eventwalità li fil-ġejjieni qarib tiġi asfaltata Triq it-Tabib Joseph Grech Attard.

5.29.6. Il-Kunsill qabel li l-proposta skont il-minuta 5.29.2. timmerita aktar diskussjoni u għalhekk ippospona deċiżjoni dwarha għal aktar tard

## 5.30.1. Parteċipazzjoni fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2019 (F/5)

5.30.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ser issir bejn is-6 u l-10 ta' Novembru 2019 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fil-Belt Valletta.

5.30.3. Hija appellat sabiex il-Kunsillieri u persuni oħra li soltu jagħtu daqqa t'id, jattendu fl-i*stand* tal-Kunsill li ser tkun miftuħa mid-9.00am sas-1.00pm u bejn il-5.00pm u d-9.30pm.

5.30.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg, qal li kif normalment isir, il-pubblikazzjonijiet tal-Kunsill ikunu għal bejgħ mill-istand bi prezzijiet imnaqqsa.

5.30.5. Il-Kunsill ħa nota u approva l-proposta skont il-minuta 5.30.4.

## 6.1. *Contracts Management* fuq servizzi li jottjeni l-Kunsill (K/6/5/2)

6.2. Is-Segretarju aċċenna li l-kuntratt attwali jesiġi li minn jagħti s-servizz imsemmi għandu jkollu l-*warrant* ta' perit minħabba l-ħtieġa li jiċċertifika xogħlijiet ta' manutenzjoni fit-toroq. Ġie spjegat li skont il-kuntratt tal-*ContractsManager,* dan jinvolvi superviżżjoni fuq kuntratturi bħalma huma ġbir ta' skart domestiku, żamma ta' latrini pubbliċi, manutenzjoni ta' sinjali u tabelli tat-traffiku eċċ. Huwa qal li tali skrutinju jsir ftit li xejn, forsi għar-raġuni li mhux kompatibbli mal-professjoni ta' perit. Is-Sur C. Debono għalhekk ippropona li taħt kuntratt ġdid għandu jitneħħa r-rikwiżit ta' perit u minflok ikun hemm dak ta' *quantity surveyor,* jew *supervisor* li jippossjedi esperjenza f'dan il-qasam.

6.3. Il-Kunsill qabel li kopja tal-kuntratt attwali għandha tiġi mgħoddija lill-membri qabel dan is-suġġett ikompli jiġi diskuss.

## 7.1. Tħejjijiet għall-Animal Fest 2019 (A/5/3/Vol XII)

7.2. Il-Kunsillier M. Abela qal li tqassmu l-*posters* tal-attività fl-Iskola Primarja. Qal ukoll li d-diriġent fis-Sezzjoni tal-Klieb tad-Dwana għarrfu li mhux ser ikunu f'pożizzjoni li jieħdu sehem, filwaqt li s-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali kien għadu ma kkonfermax li ser jattendi.

7.3. Is-Sur Abela ppropona li l-palk u l-i*stands* jintramaw b'darhom lejn il-Palazz ta' Selmun.

7.4. Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-proposti mressqa.

## 8.1. Aġġornament fuq il-proġett dwar il-Pulizija tal-Komunità (P/9/4)

8.2. Għal din il-parti tas-seduta attendew is-Sur Christopher Bull u s-Surġent G. Gatt.

8.3. Is-Sur C. Bull għarraf li minn kemm ilha li bdiet tiffunzjona l-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa kien hemm 'il fuq minn 600 każ irrappurtat u jidher li kull ma jmur ir-residenti qed isiru konxji tas-servizz u jirrikorru lejħ. Dan huwa evidenti minn statistika li turi tnaqqis fil-kriminalità rrappurtata fil-Mellieħa.

8.4. Is-Surġent G. Gatt qalet li attwalment qed isir aċċenn fuq il-*pickpocketing,* kif ukoll qed isiru żjarat bieb-bieb fil-Manikata, filwaqt li hija ppjanata laqgħa fis-Sala Parrokkjali għar-residenti ta' dan ir-raħal.

8.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**9.1. Sejħa għall-offerti MLC 4/2019 – Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi *u Soft Areas***
**(K/6/3/Vol III)**

9.2. Is-Segretarju għarraf li saret l-evalwazzjoni tas-sejħa msemmija waqt laqgħa fl-24 ta' Settembru 2019, fejn il-kumitat ta' evalwazzjoni kien assistit minn analista professjonali, partikularment f'dak li jirrigwarda konformità mal-kriterji li joħorġu mill-Linji Ġwida. Is-Sur C. Debono qal li l-kumitat kien tal-fehma li t-tliet offerti li saru għandhom jiġu rifjutati permess li dawn ma ssodisfawx diversi kriterji tekniċi, partikularment dawk relatati mal-Linji Gwida dwar il-*Green Public Procurement*.

9.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u ddeċieda li għandha ssir sejħa mill-ġdid.

**10.1. Sejħa għall-kwotazzjonijiet MLC 6/2019 – Dwal Dekorattivi għall-perjodu tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena fi Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq/Misraħ il-Parroċċa, (Mellieħa) and Misraħ il-Parroċċa (Manikata)**
**(T/4/15)**

10.2. Is-Segretarju għarraf li saret sottomissjoni waħda mis-Sur Carl Caruana li tammonta għall-€6,790 (eskluża l-VAT).

10.3. Il-Kunsill ħatar lis-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, u l-Kunsillier E. Bartolo, bħala membri fuq il-Kumitat ta' Evalwazzjoni.

**11.1. Sejħa għall-offert MLC 8/2019 – Żamma ta' Latrini Pubbliċi (L/3/Vol III)**

11.2. Is-Segretarju għarraf li r-rispons għas-sejħa msemmija li nħarġet bis-sistema ta' *Best Price Quality Ratio*, kien kif jidher hawn taħt:

| **Offerent** | **Prezz Annwali (bil-VAT eskluża)** |
|---|---|
| RM Eco Services | €68,702.00 |
| Alistair Bezzina | €44,970.00 |
| Antoine Fenech | €57,659.12 |
| Sandro Caruana | €67,702.00 |

11.3. Il-Kunsill ħatar lis-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, u l-Kunsillier E. Bartolo, bħala membri fuq il-Kumitat ta' Evalwazzjoni, li għandhom ikunu assistiti minn *accountant* u persuna ggradwat fil-kimika.

**12.1. Sejħa għall-offerti MLC 6/2019 – Titjib fiċ-ċentru ta' interpretazzjoni dwar it-Tunnara fil-Batterija ta' Westreme (P/10/30)**

12.2. Is-Segretarju għarraf li l-Kumitat temm l-evalwazzjoni tal-unika offerta li kien hemm, minn Aretrop Ltd, wara li talab serje` ta' kjarifiki dwar l-aspett tekniku tas-sejħa. Abbażi tal-osservazzjonijiet li għamel il-Kumitat ta' Evalwazzjoni, l-offerent intalab jgħaddi *technical drawings* u dokumentazzjoni relatata sabiex jiġi żgurat li t-tagħmir tad-dwal jaqbel mal-ispeċifikazzjonijiet indikati fid-dokument tal-offerta. L-offerent naqas li jagħmel dan sad-data mogħtija.

12.3. Fin-naqqas tat-tagħrif mitlub, il-Kunsill iddeċieda li l-offerta ta' Aretrop Ltd għandha titwaqqa'.

**13.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

13.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 18 ta' Ottubru 2019.

13.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

13.4. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-29 ta' Settembru u t-18 ta' Ottubru 2019.

13.5. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn dawk preżenti, is-seduta spiċċat fil-11.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 13 ta' Novembru 2019 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |